MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Numru. 1026/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**KONTRA**

**JUDITH CAMILLERI, bint Alfred Falzon u Frances nee' Formosa, imwielda l-Imtarfa nhar it-28.02.1962, residenti fil-fond Blokk 7, Flat 6, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, Malta, detentrici tal-karta tal-identita' numru 147062M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Judith Camilleri** li giet akkuzata talli, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

1. Gewwa San Giljan, nhar it-3 ta’ Ottubru, 2012, f’xi hin bejn 10:30am u 11:00am, bil-hsieb li taghmel reat ta’ serq minn gewwa ‘Lowndes Park’, Flat 1, Blokk C, Triq Alfred Gauci, San Giljan, ghad-dannu ta’ Tanweer Rayasat, u/jew persuna jew persuni ohra, uriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema dritt ma kinx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghha, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-persuna, bil-lok, u bil-valur li huwa ta’ aktar minn mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli f’hinijiet varji matul il-perjodu ta’ Lulju 2012 u Awwissu 2012, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti li jammonta ghal madwar €200 minn gewwa l-fond bl-isem ‘Lowndes Park’, Flat 1, Blokk C, Triq Alfred Gauci, San Giljan, ghad-dannu ta’ Tanweer Rayasat u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-mezz, u bil-lok;

3. U aktar talli kkommettiet reat waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenza moghtija nhar it-3 ta’ Gunju, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputata fl-istadju tal-prezentata b’arrest, u dan wara li giet moghtija zmien xieraq sabiex terga’ tahseb dwar l-istess, fejn ri-affermat l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputata ddikkjarat li ma kellhiex oggezzjoni.

Rat li giet mahtura, stante l-istess ammissjoni Probation Officer biex tirredigi Pre-Sentencing Report, li gie ezebit bhala Dok JF.

Rat ukoll il-konkluzjonijiet imnizzla fl-istess rapport.

Ikkunsidrat:

Illi in vista’ tal-ammissjoni qed issibha hatja wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, u 268, 269, 278, 279, 281, 28A, 49, 50, u 289 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, fil-konfront tal-ksur tas-sentenza sospiza, iggedded l-istess sentenza mill-lum b’hames xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar (dekorribbli mill-lum), u dan wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet.

Ai terminu tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, Judith Camilleri qieghda tinghata Ordni ta’ Probation u Servizz li ghandu jinkorpora fiha mitt siegha ta’ xoghol fil-komunita’ u l-Ordni tal-Probation ghandha tkun ghal perjodu ta’ 3 snin, b’dan illi l-istess imputata ghandha tibqa’ tigi segwita tul dan il-perjodu mill-Probation Officer Joanna Farrugia.

Qieghda tordna wkoll illi Judith Camilleri tikkompensa lil ta’ €200 lil Tanweer Rayasat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------